

## **Mistoqsija għal tweġiba orali O-000011/2016**

### **lill-Kummissjoni**

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Bernd Lange, Christofer Fjellner**

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Suġġett: Dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Afrika tal-Punent

Wara aktar minn 10 sena ta' diskussjonijiet, l-istati tal-Afrika tal-Punent u l-UE kkonkludew negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE). It-test finali tal-FSE s'issa ġie inizjalat mill-partijiet u ffirmat mill-maġġoranza l-kbira tal-istati tal-Afrika tal-Punent. Jekk jiġi implimentat sew, il-FSE għandu l-potenzjal li jżid il-kummerċ u r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn iż-żewġ partijiet, billi jiżgura aċċess għas-suq sostanzjalment aħjar għall-prodotti mill-Afrika tal-Punent minn mill-iskema ġeneralizzata ta' preferenzi (SGP). Il-FSE jgħid li l-oġettivi tiegħu huma: li jikkontribwixxi għal tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-qerda tal-faqar, it-titjib tal-istandards tal-għixien u l-integrazzjoni reġjonali, fost l-oħrajn. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa kruċjali li jiġi implimentat b'mod korrett u ssorveljat il-funzjonament ta' FSE possibbli.

Il-FSE bejn l-UE u l-Afrika tal-Punent fih klawsoli ta' rbit li jorbtu lill-partijiet għall-ftehim fir-rigward tad-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, l-istandards tax-xogħol kif ukoll dawk ambjentali, kif stabbilit fil-Ftehim ta' Cotonou. Il-FSE jipprovdi għall-ħolqien ta' kumitat konsultattiv konġunt biex jissorvelja l-konformità ma' dawn l-impenji.

1. X'miżuri speċifiċi se tiegħu l-Kummissjoni biex tiżgura li l-FSE jiġi implimentat b'mod li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali?
2. Il-Kummissjoni kif se tiżgura li l-kumitat konsultattiv konġunt jinkludi parteċipazzjoni wiesgħa tas-soċjetà ċivili, b'invoviment ugwali tas-sħab mill-akkademja, min-negozju u dawk soċjali, ikollu biżżejjed riżorsi ta' baġit aċċessibbli u jkun jista' jaġixxi b'mod effettiv u awtonomu?
3. Tista' l-Kummissjoni timpenja ruħha li twettaq ħidma dwar rapporti tas-soċjetà ċivili, deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati każijiet ta' ksur ta' impenn skont l-FSE?
4. Il-Kummissjoni se tikkunsidra kalendarju biex twettaq l-għanijiet tagħha ta' politika għall-iżvilupp sostenibbli?

Imressqa: 26.1.2016

Mgħoddija: 28.1.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 4.2.2016